## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. PETER GRIMA (KI. 547681M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/03/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **PETER GRIMA 547681M** Vettura: **CVY008 FORD**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar il-21/10/2017 ghal habta ta`22:15hrs**

Post: **Regional road u f`dawn il-Gzejjer** Lokalita': **MSIDA**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-puluzija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu.** ( Kap 9 Artiklu 338 (EE) )

**(4) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21/10/2014 mill-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LLD liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.** ( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

**(5) Soqt vettura bil-mutur fit-triq waqt li zammejt jew uzajt b`idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja** ( L.S. 65.11 Artiklu 115 (2) )

**(6) Agixxejt bhala xufier meta ma kellekx permess validu mahrug skond dawn ir-regolament** ( LS 499.56 Artiklu 17 )

**(7) Waqt li kont qed issuq, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura , u/jew hallejt il-vettura wehidha bla ma hadt prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm iddum nieqes jew hallejt il-vettura wieqfa fi triq jew li kienet immaniggata b`mod li tkun ta` xkiel bla bzonn jew ta` xi inkonvenjent ghall-pubbliku** ( L.S. 65.11 Artiklu 68 )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 290 Jean Paul Formosa (affidavit), Karen Cremona (affidavit - Transport Malta), u Yesenia Maria Pace.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Ammissjoni għall-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), erbgħa (4) u sitta (6)*

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru 1, 2, 4 u 6 u kkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-Qorti tagħtu ċans jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha.

*L-imputazzjonijiet numru tlieta (3), ħamsa (5) u sebgħa (7)*

Dawn l-imputazzjonijiet huma lkoll ta' natura kontravvenzjonali u jirriżultaw illi huma preskritti bit-trapass ta' tlett xhur mid-data tal-allegat reati (21/10/2017) sad-data tan-notifika tal-komparixxi (14/03/2018).

*Piena*

Il-Qorti rat li l-ammissjoni tal-imputat ġiet reġistrata kważi ħames snin wara l-ewwel dehra tiegħu u għalhekk ċertament ma jistħoqqlux illi jibbenefika minn xi mitigazzjoni fil-piena. Rat ukoll il-fedina penali tiegħu illi hija waħda pjuttost raffrettarja u qieset is-sentenza tal-21 ta' Awwissu 2013.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tiddikjara preskritti l-imputazzjonijiet numru 3, 5 u 7, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Kap 104 Art. 3(1), il-Kap 65 Art. 15(1)(a), il-Kap 9 Art. 49 u 50 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 Art. 17, ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru 1, 2, 4 u 6 fuq ammissjoni tiegħu stess u tikkundannah iħallas multa ta' tlett elef u tlett mitt euro (€ 3,300). B'żieda mal-piena, l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' erbatax-il (14) xahar (Kap. 65 Art. 15(3) u Kap. 104 Art. 3(2A)).**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**